# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 74

Mejju - Ġunju 2006



# x'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
Attività 6
ittra 6
gallerija 7
Bl-għeruq u x-Xniexel 7
Falko 8
Wisq Wisq Dawl 9
Sibtha fix-Xibka 10
Daħħal membru 10
Blummmm! 11
Attakk fuq l-ambjent 12


gremxula



## Ħej Ħuttaf!

Kont qed nara t-televixin u ġabu riklam ta' wieħed qed jaħsel ir-rota b'pajp bi pressa qawwija ta' ilma. Madwar dil-biċċa rota kellu xmara sħiħa ta' ilma, u għedt mela mur ġibu qed jaħsel il-karozza, kemm jaħli ilma dal-prodott. Lanqas ilħaqt spiċċajt il-ħsieb li ma ġabx mara qed tuża dal-famuż pajp biex taħsel karozza, u madwarha... baħar sħiħ. Ajma ħej, nispera li ħadd f'Malta ma jitħajjar jixtri dal-prodott, għax mhux erba' impjanti tar-reverse osmosis ikollna bżonn, imma erbgħin!

Naħseb xbajtu tisimgħu min jgħidilkom: Ibżgħu għall-ilma! Ibżgħu għall-ilma! Ibżgħu għall-ilma! Imma bir-raġun, tafux, għax l-ilma huwa l-iktar riżors importanti għall-ħajja. Meta n-NASA jibagħtu xi vettura spazjali tissendika pjaneti u qmura oħrajn tas-Sistema Solari[1], dejjem jippruvaw isibu sinjali ta' ħajja. X'ifittxu? Arja bħal tad-dinja tagħna? Temperatura bħal tagħna? Xejn minn dan, ifittxu l-ilma! Jekk fuq pjaneta ma jsibux ilma, jaqtgħu qalbhom li tista' tgħix xi ħaġa hemmhekk. Imma jekk jissuspettaw li jkun hemm l-ilma, iqum eċitament sħiħ.




Dan il-miraklu li jżommna ħajjin tajjeb li nibżgħu għalih sew, speċjalment f'Malta, fejn ftit tagħmel xita. Kif tafu, hawn artijiet fejn tagħmel ħafna xita, u artijiet fejn ma tagħmel kważi xejn. Jgħidu li l-gwerer tal-futur mhux għaż-żejt jew għall-art se jkunu, imma ġlieda sħiħa għall-ilma tad-dinja.

U issa ħa nħallikom ħa mmur nixrob tazz'ilma għax qabadni l-għatx! Ċaw ċaw.



**Victor Falzon** L-Editur

[1]**Sistema Solari**: Ix-xemx bid-disa' pjaneti (bil-qmura tagħhom) iduru madwarha. Id-dinja tagħna hija t-tielet pjaneta fis-Sistema Solari.



Ir-**russett griż** (grey heron *Ardea cinerea*) huwa tajra kbira. Jgħix ħdejn xmajjar, għadajjar u kanali. Postijiet bħall-Għadira u s-Simar huma tajbin għalih, għax isib il-kenn u anke l-ikel (ħut żgħir). Minħabba li huwa kbir u sabiħ, ħafna kaċċaturi jisparawlu u joqtluh, ħalli mbagħad jibbalzmawh u jżejnu bih! X'ħela ta' ħajja! Li toqtol russett huwa kontra l-liġi.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo, Mariangela Meli.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Ġunju 2006
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata: Russett Griż, ritratt ta' Ray Galea
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahar ejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

Victor Falzon






Issa oħorġu l-kuluri u agħtuha l-kulur!

1= aħdar ċar
2 = aħdar qawwi
3 = aħmar
4 = kannella ċar (saqajha)

# Brimba ġdida għal-lista!

Sentejn ilu f'*Il-Ħuttafa* 62 u 64 konna ġibna li membri tal-BirdLife u tal-Klabb sabu żewġ brimbiet ġodda għal Malta. Issa membru ieħor sab oħra...

Robert Falzon mill-Mosta sab dil-brimba fid-dar tiegħu. Hija brimba żgħira, b'ġisem xi 3mm kollox. imma xorta sabiha ħafna - ħadra kollha, b'tikka ħamra qisha qatra demm f'nofs daharha. Kienet f'moħba żgħira tal-ħarir li għamlet mal-ħġieġa ta' bieb (ritratt tal-qoxra). Robert malajr ġab il-kamera, ġibdilha ftit ritratti u bagħathom lill-espert tal-brimb, il-ħabib tagħna David Dandria, li malajr għarafha bħala *Nigma puella*. B'hekk il-lista ta' brimb Malti issa telgħet għal **137**. Min jaf kemm baqa' iktar! Żommu għajnejkom miftuħin, ħbieb. In-natura qiegħda MADWARKOM! Prosit Rob :)

David jgħid li snin ilu kien raħa din il-brimba, imma isimha qatt ma deher fil-listi ta' brimb Malti. Issa li reġgħet dehret u ntgħarfet minn espert, qed inġibuha fil-magażin, u b'hekk ir-rekord ta' Robert huwa uffiċjali.

**Komplu ibnu!**



**Mhemmx mistrieħ għall-ambjent Malti. Bħalissa hawn ġenn sħiħ biex jibnuh u jirvinaw kull roqgħa art. L-ewwel il-korsi tal-golf, imbagħad toroq enormi bil-mini b'kollox. Issa smajna li se jagħtu iktar u iktar art għall-bini - biċċa art daqs is-Siġġiewi. Għaliex jaħasra?!**

Victor Falzon

**Komplu kissru!**



## X'għandna mid-dinja



# Aħbar tajba għad-Denfil Ċiniż

Ma tantx soltu jaslu aħbarijiet ambjentali sbieħ miċ-Ċina. Imma dan l-aħħar tħabbar li se tinħoloq riserva naturali fil-baħar biex jitħares annimal rari: id-denfil abjad :-)

Id-**denfil abjad** (Chinese white dolphin *Sousa chinensis*) huwa annimal griż bajdani jew fir-roża. Jgħix fl-ibħra max-xtut l-iktar taċ-Ċina. B'kollox baqa' biss xi 2000, u nofshom jgħixu fid-delta[1] tax-xmara Pearl. Il-Gvern Ċiniż se jiddikjara dil-parti tal-baħar bħala riserva għal dawn id-dniefel. Ir-riserva se tkun kbira 460km$^2$, jiġifieri darbtejn daqs Malta. F'dir-riserva ma titħalliex issir attività li thedded dan l-annimal rari.

L-ikbar problema se tkun il-ħafna drenaġġ u ilma mniġġes li joħroġ f'dix-xmara, li qiegħed imarrad lid-dniefel.

Aħna nawguraw lill-Gvern Ċiniż suċċess f'dan il-proġett.

[1]**delta**: Fejn ix-xmara tinqasam f'ħafna xmajjar żgħar u flimkien jiżbukkaw fil-baħar.



# Enerġija mix-xemx

Hdejn raħal jismu Serpa, fil-Portugal, qed jibnu pawer stejxin li tibdel id-dawl tax-xemx f'elettriku. Jiġifieri dil-pawer stejxin mhux se taħdem biż-żejt jew bil-gass jew bil-faħam, għalkekk mhux se jkollha ċumniji u dħaħen u tniġġis. Tal-ġenn hux! Hija l-ħolma ta' kull ambjentalist. Barra minn hekk, id-dawl tax-xemx huwa infinit[1] u jiġi waħdu, bla tħaffir jew tbatija jew spejjeż!

Dan l-impjant se joħloq biżżejjed elettriku biex jaqdi 8000 dar (qisu raħal daqs Birkirkara). Se tkun l-ikbar pawer stejxin solari fid-dinja.

Kos, għaliex ma nibnux waħda hawn Malta wkoll, daqs kemm għandna xemx! Kieku nsolvu l-problema tat-tniġġis ta' l-arja, u l-elettriku jiġina b'xejn.

Il-problema hi li dawn it-tip ta' impjanti jieħdu ħafna ħafna art. L-impjant ta' Serpa se jiksi biċċa art daqs 73 grawnd tal-futbol! Veru li Malta għandna ħafna xemx, imma sfortunatament m'għandniex ħafna art!

[1]**infinit**: ma jispiċċa qatt. Proprjament anke d-dawl tax-xemx xi darba għad irid jinħela u jispiċċa, imma baqagħlu xi 5 biljun (5,000,000,000) sena. Mhux ħa tkun problema għalissa :)



## 1 ħalliena...

Eżatt 10 snin ilu, f'*Il-Ħuttafa* 14 (Mejju-Ġunju 1996) konna ġibna fuq il-**Bali Starling** *Leucopsar rothschildi*, għasfur rarissmu li jgħix f'Bali, gżira fl-Indoneżja. Konna ħabbarna li minn 14, in-numru totali ta' Bali Starlings fid-dinja kien tela' għal 40.

Imma issa smajna li wara tant sforzi biex jiġi mħares, dan l-għasfur spiċċa għal kollox mis-selvaġġ! :-(

Baqa' biss xi ftit miżmumin f'gaġeġ.

## ...u 2 ġew lura!

Żewġ speċi ta' żrinġijiet, is-**Santa Marta Harlequin Frog** u s-**San Lorenzo Harlequin Frog**, dan l-aħħar reġgħu nstabu wara li kienu ilhom 14-il sena ma jidhru :-) Instabu f'riserva fis-Sierra Nevada di Santa Marta f'Colombia. Ix-xjenzati kienu ħasbu li dawn iż-żewġ żrinġijiet inqerdu bil-marda li qed toqtol ħafna żrinġijiet madwar id-dinja. Imma kellhom żball :-)






# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.



## iċ-ċiefa

Cory's shearwater · Calonectris diomedea

Iċ-ċiefa hija għasfur tal-baħar li tbejjet fl-irdumijiet. Għalkemm tersaq lejn il-bejta bil-lejl, mhux daqshekk diffiċli biex taraha. Fittex bit-tromba fuq il-baħar xi siegħa qabel inżul ix-xemx u għandek tara għadd sabiħ ta' ċief, avolja jkun għadu bogħod mill-art. Iċ-ċiefa għandha titjira ħafifa u tigglajdja fil-baxx, kważi tmiss ma' wiċċ il-baħar. Ġieli tara mijiet ta' ċief iħuf wara xi troler tas-sajd jew miġburin flimkien f'wiċċ il-baħar.

L-ewwel darba li tkun ix-Xlendi filgħaxija, itla' san-naħa tat-torri u jekk ma jkunx qamar, għandek tisma' l-agħjat taċ-ċief qisu ħafna tinwiħ ta' qtates.

Jew ejja l-ħarġa bil-lanċa (ara pġ 6)

(*Għasafar Madwarna* p 6)

## il-bufula sewda

Sardinian warbler · Sylvia melanocephala

Min jaf kemm-il darba rajnieha u smajnieha u ma tajniex kasha għax ħsibnieha għasfur tal-bejt. Il-bufula sewda ssibha kullimkien, u spiss tinżel fil-ġonna u l-btieħi.

Ir-raġel għandu dahru u l-ġwienaħ griżi, ras sewda u ċirku aħmar madwar għajnejn. Il-mara tkun iktar fil-kannella u rasha griża. Bħall-bqija tal-buful, ma tantx toqgħod wieqfa u l-ħin kollu taqbeż minn fergħa għal oħra. Meta tkun wieqfa spiss iċċaqlaq denbha.

Il-bufula sewda għandha għajta qisu xi ħadd qed iċekċek ċekċieka jew kaxxa sulfarini. Jekk għandek bird table, żgur li flimkien ma' l-għasafar tal-bejt il-bufula sewda tinżel tnaqqar xi ħaġa.

(*Għasafar Madwarna* p 41)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi lil Denis Cachia, il-webmaster tal-BirdLife.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.



# Sejrin ħarġa fuq il-baħar! Tiġu magħna?

Ha mmorru dawra bil-lanċa, u ha nibdu lejn ix-xtut ta' Għawdex, mhux biex nieqfu u ninżlu imma biex ingawdu mill-baħar il-ġmiel tas-sisien għoljin tan-naħa t'isfel ta' Għawdex. Ngħaddu minn taħt Ta' Ċenċ, fejn hemm tbejjet l-ikbar kolonja[1] ta' ċief fil-Gżejjer Maltin. Forsi naraw ukoll xi qatgħa ċief iduru jew jgħumu f'wiċċ il-baħar. Dak il-ħin iċ-ċief ikun qed jistenna x-xemx tinżel, għax iċ-ċief ma jersaqx lejn l-art qabel ma jidlam. Għalhekk il-ħarġa se nagħmluha filgħaxija. Dak il-ħin il-blat u s-sisien ikunu sbieħ wisq. Jekk inkunu super-fortunati, forsi naraw xi denfil... Waaaaw!!

Data: **il-Ġimgħa 14 Lulju 2006**
Tul tal-ħarġa: **xi 3 sigħat**
Merħba: **membri kollha u familja**
Prezz: **Lm2** kull persuna
Minħabba li l-post fuq il-lanċa huwa limitat, importanti li tibbukkjaw billi ċċemplu lill-BirdLife (21347646 Mon-Fri 9am-1pm). Ċans għandkom sat-12 Lulju, imma aħsbu kmieni għax ma ssibux post. Aktar dettalji lil min jibbukkja.



[1]**kolonja**: post fejn jgħix grupp kbir ta' annimali ta' l-istess speċi. Annimali bħal nemel u qroll jgħixu ħajjithom kollha fil-kolonja. Oħrajn, bħat-tajr tal-baħar (fosthom iċ-ċief), ifittxu l-kolonja biss għall-istaġun tal-bejta.

# FTAKAR

Kull sena li inti ġġedded il-miżata fi **Klabb Ħuttaf** nibagħtulek poster kbir bil-kulur mis-sensiela *Ħieles, Ħaj u Sabiħ!* Kull sena l-poster ikollu għasfur differenti. Did-darba l-għasfur huwa **russett tas-siġar**

## Dominoes!



Għażiż Editur,

Meta qrajt f'*Il-Ħuttafa* 71 fuq dak l-għasfur tal-bejt li qatlu fl-Olanda veru għedt kemm kienu boloh dawk in-nies. Veru li waqqa' 23,000 dominoes, imma dak l-għasfur anke hu kiser ir-rekord tad-dinja, għax huwa l-iktar għasfur fid-dinja li waqqa' dominoes!!

Nixtieq illi *Il-Ħuttafa* tibqa' interessanti.

**Mario Żammit**
Siġġiewi

*Għażiż Mario,*

*Veru li qed tgħid, forsi jġibuh fil-Guiness Book of Records ukoll. Dwar Il-Ħuttafa, naċċertak li nibqgħu nagħmlu mill-aħjar li nistgħu.*

*L-Editur*

**Ibagħtulna TPINĠIJIET jew RITRATTI naturali tagħkom!** Mhux ta' annimali domestiċi. Tinsewx isimkom, età, u isem l-annimal jew pjanta.



**pitirross**
Ian Mangion 11



**gallozz iswed**
Samantha Camilleri 10



**sultan iċ-ċawl**
David Attard 13



**widnet il-baħar**
Robert Said 12



**gamiema**
Matthew Scicluna 13



**kamaleonti**
Arnold Sciberras 17






**Dubbiena**
Luke Vella 12

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn siġar indiġeni ta' Malta

### Il-Luq white poplar *Populus alba*




Victor Falzon

Il-luq hija siġra sabiħa ħafna. Għandha l-weraq aħdar minn fuq u abjad minn taħt, u meta jitqanqlu f'żiffa jfiddnu lis-siġra u jagħtuha dehra mill-isbaħ. Iz-zokk ewlieni huwa wkoll abjad fiddien. Il-luq hija ħorfija, għax twaqqa' l-weraq fix-xitwa.

Il-luq iħobb ħamrija umda, u għalhekk dis-siġra ma tikbirx f'ħafna mkejjen hawn Malta. Madankollu hija mifruxa sew, għax fl-imgħoddi ntużat għat-tmasġir ta' qiegħ ta' widien bħal Wied il-Qlejja (iċ-Chadwick Lakes) u Wied il-Fiddien. Baqa' wkoll fdal ta' msaġar naturali tal-luq, bħal fil-Buskett u fil-Girgenti. Nafu li fl-1621 kien hemm 9 luqiet f'Wied Ħażrun - illum hemmhekk fadal waħda biss! Jien kont tlabt lill-bidwi t'hemm biex jieħu ħsiebha, u hekk għamel, għax is-sena l-oħra rajt tliet bgħula telgħin madwar ommhom!

Il-luq jixxettel mill-bagħal[1], miż-żerriegħa jew bil-biċċa. Il-maġġoranza tas-siġar tal-luq ta' Malta huma rġiel (il-luq hija diojka[2]).



Victor Falzon

Din is-siġra għandha tintuża għat-tmasġir ta' qiegħ il-widien, inħawi milwiema[3] u anke fejn hemm xi għajn ta' ilma ħelu. Nisperaw li naraw ħafna aktar luq jitħawwel f' pajjiżna.

**Charles Grech** il-Masġari

[1]**bagħal**: (plural bgħula) fergħa li s-siġra ttella' mill-ħamrija, li minnha ssir siġra oħra.
[2]**diojka**: siġra li tkun jew raġel jew mara. Ħafna siġar mhumiex diojċi, imma ikunu rġiel u nisa fl-istess pjanta.
[3]**milwiem**: post fejn jinġabar jew jgħaddi l-ilma.





# Kif iqabbżuhieli!

# FAL



## Żgħażagħ BirdLife Malta

Ta' spiss inħobb nimxi f'wied viċin fejn noqgħod, u kemm-il darba niltaqa' ma' kaċċaturi li jgħiduli biex inwarrab minn hemm. Dan huwa wieħed mill-atteġġjamenti egoistiċi tagħhom. Għaliex ma nistax ingawdi n-natura jien?

Darba minnhom kont ma' ħabib u ltqajna ma' kaċċatur. Bdejna nkellmuh u qajjimna diskussjoni fuq il-kaċċa. Dal-kaċċatur stqarr li l-għasafar iħobbhom f'idejh, u anke ammetta li meta ma jgħaddi xejn malajr jittrenja fuq il-ħuttaf jew l-għasafar tal-bejt...

Jien dan il-kliem ma niflaħx nisimgħu aktar. Minħabba dawn l-egoisti ma nistgħux ingawdu l-għasafar fl-ambjent tagħhom. Għalhekk għandna bżonn kemm jista' jkun nies fuq in-naħa tagħna. Nista' ngħid li l-affarijiet marru għall-aħjar milli kif kienu qabel, però xorta għad baqa' ħafna xogħol x'isir. Jien kunfidenti li xi darba din il-gwerra kontra l-kaċċa nirbħuha aħna!

Inħeġġeġ lill-membri Falkuni biex jiġu l-attivitajiet li ġejjin għax mhux ta' min jitlifhom, u ħajru lill-ħbieb tagħkom biex jiġu ukoll!

Qabel nagħlaq, f'isem il-Falko nixtieq ngħid GRAZZI KBIRA lil Justin Vassallo tax-xogħol li għamel magħna.

**Matthew Borg Cardona**
Ko-ordinatur Falko

Attività Falko



## Xogħol. Għawm. Barbikju

**Il-Ġimgħa 7 Lulju 2006**

Ħa mmorru nagħtu daqqa t'id fuq xogħol ħafif l-Għadira, u wara ġirja għall-baħar u anke nagħmlu barbikju veġetarjan.



## Għawdex bil-lejl

**21-22 Lulju 2006**

Ħa naqsmu għal Għawdex biex nisimgħu l-agħjat taċ-ċief matul il-lejl. Nitilgħu l-Ġimgħa u ninżlu lura s-Sibt.

Għal aktar tagħrif fuq l-ativitajiet ċempel lil Matthew fuq **99886811**




## Ġurnata Kemmuna

### il-Ħadd 7 Mejju 2006

rapport

Kienet waħda mill-ewwel ġranet sbieħ li kellna dis-sena u mix-xemx ma konniex se nkunu neqsin. Wasalna Kemmuna u kif inżilna mid-dgħajsa rajna xi **żanzarelli tat-tikek** li dakinhar Kemmuna kienet miżgħuda bihom. Rajna wkoll **żanżarelli tal-kullar** u diversi **bekkafiki** fl-arbuxelli ta' madwarna. Kif tlajna ftit iktar fl-għoli rajna **bagħdan** u **russett** fil-bogħod. Rajna wkoll **gamiema** għajjiena tistrieħ fuq ħajt tas-sejjieħ, xena li minħabba l-famuża deroga[1] tal-kaċċa fir-rebbiegħa għad ma tantx nistgħu narawha f'Malta.

Insomma, fl-ewwel siegħa tellajna lista mhux ħażin, u ma tantx imxejna għax il-ħin kollu nieqfu biex nagħrfu l-għasafar!

Wasalna fir-ringing station tal-BirdLife fejn sibna lil Justin jirringja l-għasafar, megħjun minn Simon u Matthew, membri antiki tal-Falko. Hawnhekk rajna fl-idejn dawk l-għasafar li rajna waqt il-berdwoċing. Żidna wkoll għasafar li konna għadna ma rajniex, bħal **daqquqa tat-toppu** u **buċaqq tas-silla**.

Komplejna nduru ma' Kemmuna, u rajna xi **merilli** u **gawwi** ma' l-irdumijiet li hemm fuq dil-gżira. Waqt li konna qed nistrieħu fil-bajja ta' Santa Marija, xi membri ġew jiġru jgħidulna li aktarx kien hemm **buqrajq** fis-siġar tal-bruk ħdejn il-kampsajt. Morna naraw u hekk kien. Sfortunatament kien ferut, u stajna naqbduh biex imbagħad għaddejnieh lill-BirdLife ħalli jkomplu jikkurawh.

Din kienet l-unika ħaġa li ħallitilna togħma ħażina f'ġurnata daqstant sabiħa, għax indunajna li mhux gamiem u summien biss qed jinqatlu bis-saħħa tad-deroga tar-rebbiegħa!

Stefan Azzopardi




[1] **deroga**: L-Unjoni Ewropea għandha sett liġijiet li l-membri kollha jridu jobdu. Waħda minnhom hi li fir-rebbiegħa ma ssirx kaċċa. Biex il-kaċċaturi ma jiħduhiex bi kbira, il-Gvern Malti kien għamel deroga (eċċezzjoni) biex iħalli l-kaċċaturi jisparaw fir-rebbiegħa. Il-BirdLife qed titħabat ħafna biex din id-deroga tispiċċa!



# wisq wisq dawl

Elisabeth Conrad

**Issa li beda s-sajf, nibdew ngħaddu iktar serati barra għall-frisk. Dan jagħtina ċans tajjeb biex napprezzaw aspett ieħor tan-natura: il-ġmiel tas-sema bil-lejl, bid-diversi stilel u pjaneti. Però iktar ma jmur iktar qed isir diffiċli li ngawdu l-ġmiel ta' sema lejli. Dan minħabba dak li ngħidulu *light pollution* - tniġġis bid-dawl.**

## QATT MA RAW !

It-tniġġis bid-dawl iseħħ meta s-sema bil-lejl ma jkunx jidher sew minħabba dwal artifiċjali. F'lejl ċar bla qamar għandna naraw sa 2600 stilla. Imma kemm minna qatt raw daqshekk stilel? Malajr issib xi bozza tgħammxek!

Meta f'Awwissu 2003 mar id-dawl fi New York City kollha u waqa' dlam ċappa, ħafna nies qalu li kienet waħda mill-ftit drabi f'ħajjithom li raw il-kwiekeb, uħud minnhom l-ewwel darba! F'lejla normali tant ikun hemm dwal artifiċjali minn bini, tabelli, reklami eċċ li l-istilel ma jidhru xejn.

## SEMA ORANĠJO !

Ħafna drabi dan it-tniġġis ikun tort ta' disinn ħażin. Meta bozoz jiddisinjawhom ħażin, ħafna mid-dawl jaħrab 'il fuq flok 'l isfel. Dad-dawl żejjed jirrifletti minn fuq trab fl-arja, u s-sema flok iswed taqtgħu b'sikkina, tidher oranġjo mdennes jew anke fir-roża. Il-lampi ta' barra suppost li jdawlu t-triq, mhux is-sema! Din kollha ħela ta' enerġija.

## AJMA RASI !

Ilkoll nixtiequ ngawdu sema nadif u ċar, imma t-tniġġis bid-dawl mhuwiex biss kwistjoni ta' estetika. Jaffettwa wkoll is-saħħa tagħna u ta' xi ekosistemi[1]. Studjużi sabu li dawl persistenti jwassal għal iktar għeja, iktar uġigħ ta' ras u iktar ansjetà. Hemm teoriji li d-dawl żejjed iżid xi tipi ta' kanċer.

## IMĦAWDIN U MFIXKLIN !

Insetti li jtiru fid-dlam, bħal baħrijiet, ibatu biex isibu triqthom għax id-dawl iħawwadhom. Minħabba f'hekk ibatu wkoll dawk il-pjanti li jiddakkru minn dat-tip ta' insetti.

Hemm ukoll xhieda li t-tniġġis bid-dawl iwassal għal blooms[2] ta' alga fil-baħar. Dan għaliex id-dawl żejjed ifixkel l-organiżmi li suppost ikissru dawn il-blooms. Id-dawl iħawwad ukoll l-għasafar li jtiru bil-lejl (bħaċ-ċief) jew li jpassu fid-dlam.

## FAĊLI SSOLVIHA !

Hemm ħafna mezzi kif insolvu l-problema ta' light pollution. Kif għedna, disinn tajjeb ta' lampi jgħin ħafna. Ħaġa oħra hi li xi toroq jinxtegħlu bil-lejl għalxejn, speċjalment matul il-ġimgħa. Dawn għandhom jintfew meta mhemmx bżonnhom, forsi bl-użu ta' tajmers. Jew jintużaw dwal li f'xi ħinijiet tal-lejl titnaqqsilhom il-qawwa.

## 'QAS BISS JAFU !

Il-problema hija wkoll għax l-awtoritajiet għadhom LANQAS JAFU li t-tniġġis bid-dawl huwa problema! Veru li dan it-tniġġis ma jħammiġx bid-dhaħen (direttament), imma jibqa' xorta tniġġis. Hemm bżonn li nħarsu l-ftit postijiet li għadhom mudlama bil-lejl (dark-sky areas), u nippruvaw innaqqsu d-dawl żejjed f'postijiet fejn id-dawl hemm bżonnu.

---

[1]**ekosistemi**: grupp ta' pjanti u annimali li jgħixu u jiddependu minn xulxin
[2]**bloom**: kultant ċerti alġi jżidu ħafna fin-numru, tant li xi drabi jagħtu kulur lill-baħar. Il-kawża tista' tkun it-temperatura, tniġġis jew xi żbilanċ ekoloġiku.

# Sibtha fix-Xibka!
## Websajts fuq in-natura mill-internet

## Ecokids

Is-sajt ta' din id-darba jisimha EkoKids u bħas-soltu hija sajt interattiva b'xalata attivitajiet u logħob għalikom it-tfal, kollha b'tagħlim dwar l-ambjent. Għandkom screensavers u wallpapers xi tniżżlu minbarra tislibiet u wordsearch. Morru dawra f'razzett organiku jew għinu lil Anita tnaddaf il-kamra waqt li titgħallmu terġgħu tużaw u tirriċiklaw affarijiet li nsibu fid-dar. Inkella tithajru tippruvaw tgħaqqdu xi jigsaw puzzle? Fil-parti li jisimha *Play and Learn* issibu suġġetti bħal tniġġis, skart, Earth Day, l-enerġija, tibdil fil-klima, l-ispazju u oħrajn. Fuq kollox, għax ma tagħtux titwila lis-slajdxow biex b'hekk tagħmlu bħal safari żgħir ta' l-ispeċi differenti ta' annimali li jeżistu!

**Janet** u **Amy Gerardi**



**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.ecokids.ca**



## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______
liema skola jattendi ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
membership number ______ telefon ______ imejl ______
liema skola tattendi ______

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**




# Blummmm!

Victor Falzon

**Ħotspots** did-darba ma daħalx. Minflok qed inġibu artiklu fuq tip ieħor ta' ħotspot!! :-)

Meta naraw wiċċ il-qamar minn tromba jew fuq stampa naraw ħafna dwawar u ċrieki. Kif naħseb tafu, dawk huma **krateri**, ħofor enormi li jsiru meta blata kbira tinżel sparata mill-ispazju u taħbat ma' l-art. Kontu tafu li fid-dinja tagħna wkoll għandna ħafna krateri?

Fl-ispazju hemm ħafna ġebel jiġri, u fid-dinja waqgħu ħafna minnhom. Mal-ħabta ħaffru wkoll krateri enormi fl-art. Uħud, bħall-Meteor Crater, fl-iStati Uniti, jidhru sew u jiġbdu lejhom ħafna turisti. Imma ħafna krateri oħrajn tant għadda żmien minn fuqhom li tmermru u liixxaw bl-elementi (riħ, xita, silġ eċċ) u llum bilkemm tinduna bihom mill-art għax taħsibhom għoljiet, widien u għadajjar. Imma mill-għoli (per eżempju minn space shuttle) tidher ċara l-forma tonda tagħhom. Hawnhekk hawn ritratti ta' ftit minnhom.

Dan il-ħbit mill-ispazju jista' jikkawża diżastri kbar f'dinja mimlija ħajja. Jgħidu li d-dinożawri mietu 65 miljun sena ilu wara li blata kbira (meteora) tkaħħlet fl-art fejn illum hemm Mexico. Il-forma ta' dan il-krater m'għadhiex tidher illum.

Min jaf bħalissa stess, miljuni ta' kilometri 'l bogħod, hemmx xi ħaġra enormi ġejja tlebbet lejn id-dinja tagħna...



**Manicauogan** (Canada)



**Vredefort** (South Africa)



**Aourounga** (Chad)



**Clearwater Lakes** (Canada)



**Meteor Crater** (Arizona, USA)



**Gosses** (Australia)

# Attakk
# fuq l-ambjent




**Attakk ieħor mistenni jaħbat għall-ambjent naturali ta' Malta, attakk qawwi ta' terrapien, ġebel u bini. L-attakk mhux ġej minn Mars, imma mill-Maltin stess.**

Fir-ritratt taraw parti mill-kampanja li tmiss mal-Mellieħa. Bħalissa din l-art fiha għelieqi żgħar, sagħtar u ħarrub. Din l-art se tinbena, u bħalha ħa jinbnew ħafna rqajja' oħra f'Malta u Għawdex li s'issa kienu kampanja.